MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-16 ta' April, 2012

Numru 2/2010

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Kontra**
**Abdirahman Farah Shuriye**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 2 tas-sena 2010 kontra l-akkuzat Abdirahman Farah Shuriye li bih huwa gie akkuzat talli:
Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fis-siegħat bikrin ta' filgħodu tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tmienja (2008), għall-ħabta tat-tlieta ta' fil-għodu, Melvin Borg, ġuvni ta' 18 il-sena kien għadu kif telaq lil ħbieb tiegħu li kienu l-Ħamrun u beda sejjer lura lejn id-dar fejn joqgħod fi Triq Patri Feliċjan Bilocca l-Marsa. Waqt li Melvin Borg kien wasal viċin tad-dar fejn joqgħod beda jipprova jċempel lil ħabiba tiegħu mill-mobile phone tiegħu u kif wasal hemm, resaq lejh raġel li dar għalih u ħatfu mic-choker li kien liebes m'għonqu.

Dan ir-raġel talab lil Melvin Borg biex jagħtih il-mobile phone, il-flus u c-choker. Melvin Borg ma riedx jagħtih dawn l-oġġetti. Dak il-ħin feġġ raġel ieħor minn wara siġra li kien hemm fil-qrib u ta' daqqa bil-minkeb fuq għonq Melvin Borg. Melvin Borg prova jiddefendi lilu nnifsu, iżda dawn l-irġiel daruh, tefgħuh mal-art u komplew ituh diversi daqqiet. Kaxkruh mal-art, ħabtuh ma bankina u minħabba f'hekk, peress f'saqajh Melvin Borg kellu xi bolts tal-metall minħabba operazzjoni li kellu jagħmel xi żmien qabel, spiċċa biex weġġa saqajh ukoll. Melvin Borg sofra wkoll xi brix f'sidru u tbenġil fuq idu.

Sadattant dawn il-malviventi komplew bl-aggressjoni tagħhom fuq il-persuna ta' Melvin Borg. Żewġt irġiel oħrajn ingħaqdu maż-żewġt irġiel li kienu diġa aggredew lil Melvin Borg u wkoll heddewh li jekk ma kienx ser itihom l-oġġetti li kellu fuqu, huma kienu saħansitra ser jabbużaw minnu sesswalment.

Is-saħħa ta' dawn l-erbat irġiel kienet kbira wisq biex dan il-ġuvni setgħa jirreżistiha. Wieħed beda jżommu minn saqajh, ieħor beda jżomlu għonqu, ieħor beda jżomlu idu u ċ-choker issikkata m'għonqu. Ċartulu l-qmis, qattgħulu żewġ buttuni.

L-akkużat, Abdirahman Farah Shuriye kien wieħed minn dawn l-irġiel li ħadu sehem f'din l-aggressjoni fuq u kontra l-persuna ta' Melvin Borg. F'mument minnhom, l-akkużat neżża l-qalziet li kien liebes Melvin Borg, u l-istess akkużat, bl-għajnuna tat-tlett sħabu malviventi l-oħra, żammewh b'saħħithom kollha bl-iskop li jabbużaw minnu sesswalment – u dan wara li Melvin Borg kien diġa ġie msawwat u offiż fuq il-persuna tiegħu.

L-akkużat flimkien ma' l-irġiel l-oħra żammew b'saħħithom kollha u mmobilizzaw lil Melvin Borg. L-akkużat għamel il-ħsieb li jistupra lil Melvin Borg u wettaq dan il-ħsieb billi wara li ħareġ il-parti privata tiegħu mill-qalziet, bil-vjolenza u kontra l-volonta ta' Melvin Borg, stupra lill-istess Melvin Borg billi kellu konġunġiment karnali kontra n-natura miegħu.

Minkejja din l-aggressjoni, Melvin Borg ipprova jkompli jissielet biex jinqala minn mal-akkużat. F'mument minnhom irnexxielu li jinqala minn ma' l-akkużat wara li xejjer daqqa ta' sieq u laqat lil wieħed mill-aggressuri tiegħu li kienu qed iżommuh. Dawn it-tliet aggressuri ħarbu l-hemm iżda l-akkużat reġa dar fuq Melvin Borg u qallu li kellu f'idejh il-mobile phone ta' Melvin Borg.

Illi b'għemilu l-imsemmi Abdirahman Farah Shuriye sar ħati ta' stupru vjolenti aggravat, u ċioè talli kkommetta stupru fuq persuna tas-sess il-wieħed jew l-ieħor; b'dan li fl-eżekuzzjoni tad-delitt ġie mgħejjun minn persuna waħda jew iżjed, kif ukoll li l-persuna li fuqha ġie kommess id-delitt, ġiet offiża fuq il-persuna tagħha.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti u ċ-ċirkostanzi kollha ta' lok, żmien, u ħin hawn fuq imsemmija f'dan il-kap t'akkuża, akkuża lill-imsemmi Abdirahman Farah Shuriye talli għall-ħabta tat-tlieta ta' fil-għodu tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tmienja (2008), fl-inħawi ta' Triq Patri Feliċjan Bilocca l-Marsa, kkommetta u għalhekk irrenda ruħu ħati ta' stupru vjolenti aggravat, u ċioè talli kkommetta stupru fuq persuna tas-sess il-wieħed jew l-ieħor; b'dan li fl-eżekuzzjoni tad-delitt ġie mgħejjun minn persuna waħda jew iżjed, kif ukoll li l-persuna li fuqha ġie kommess id-delitt, ġiet offiża fuq il-persuna tagħha; u talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn erba' snin sa tnax il-sena, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 198, 201(b), 202(d)(f), 17, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fiż-żmien u fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-ewwel kap ta' dan l-att ta' akkuża, u ċioè fis-siegħat bikrin ta' filgħodu tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tmienja (2008), għall-ħabta tat-tlieta ta' fil-għodu, fil-Marsa, fi Triq Patri Feliċjan Bilocca u fl-inħawi viċin ta' din l-istess Triq, l-akkużat Abdirahman Farah Shuriye, flimkien ma' tliet irġiel oħrajn, immobilizza lil Melvin Borg bil-għan li dan jiġi

stuprat mill-akkużat, kif fil-fatt seħħ. Fil-fatt, dawn l-erba' rġiel (fosthom l-akkużat) żammew lil Melvin Borg, billi wieħed beda jżommu minn saqajh, ieħor beda jżomlu għonqu, ieħor beda jżomlu idu u ċ-choker issikkata m'għonqu u l-akkużat żammu wkoll biex jistuprah. Ċartulu l-qmis, qattgħulu żewġ buttuni, neżżgħulu l-qalziet li kien liebes u żammeh b'saħħithom kollha bl-iskop li jabbużaw minnu sesswalment, wara li ġie offiż fuq il-persuna tiegħu.

Sadattant, l-akkużat kien laħaq seraq minn fuq il-persuna ta' Melvin Borg il-mobile phone li Borg kien qed iġorr fuqu. Wara li stupra lil Melvin Borg, l-akkużat dar fuq Borg u wara li wrih li l-mobile phone tieghu kien fil-pussess tal-akkużat, qallu li kien ħadlu l-mobile phone lil Melvin Borg u li ried ħamsin Ewro (€50) għalih. Kien biss wara li Melvin Borg kien kostrett li jaghtih ħamsin Euro (€50) li l-akkużat irritorna lura l-mobile phone lill-Melvin Borg.

Illi b'għemilu l-imsemmi Abdirahman Farah Shuriye sar hati ta' serq ta' proprjeta` mobbli a detriment ta' Melvin Borg liema serq huwa kwalifikat bil-vjolenza, bil-valur u bil-ħin.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti u ċirkostanżi ta' żmien u lok imsemmija aktar il-fuq f'dan l-att t'akkuża, akkuża lill-imsemmi Abirahman Farah Shuriye, ħati talli għall-ħabta tat-tlieta ta' fil-għodu tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tmienja (2008), fl-inħawi ta' Triq Patri Feliċjan Bilocca l-Marsa, seraq proprjeta mobbli a detriment ta' Melvin Borg liema serq huwa kwalifikat bil-vjolenza, bil-valur u bil-ħin; talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-akkużat Abdirahman Farah Shuriye u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn sentejn sa ħames snin, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 261(a)(c)(f), 262(1)(a)(b)(2), 267, 270, 274(c), 275, 277(a), 279(a), 280(2) u 281, kif ukoll 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fl-isfond tal-fatti u ċirkostanżi ta' żmien u lok imsemmija

aktar il-fuq f'dan l-att t'akkuża u ċioe fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tmienja (2008), għall-ħabta tat-tlieta ta' fil-għodu, Melvin Borg, ġuvni ta' 18 il-sena, telaq lil ħbieb tiegħu li kienu l-Ħamrun u beda sejjer lura lejn id-dar tiegħu fi Triq Patri Feliċjan Bilocca, l-Marsa u kif wasal viċin tad-dar tiegħu, waqt li kien qed jipprova jċempel lil ħabiba tiegħu minn fuq il-mobile phone tiegħu mar fuqu raġel li ħatfu mic-choker li kien liebes m'għonqu. Dan ir-raġel talab lil Melvin Borg biex jagħtih il-mobile phone, il-flus u c-choker. Melvin Borg ma riedx jagħtih dawn l-oġġetti. F'dak il-ħin feġġ raġel ieħor minn wara siġra u ta' daqqa bil-minkeb fuq għonq Melvin Borg. Melvin Borg prova jiddefendi lilu nnifsu. Iżda dawn l-irġiel daruh, tefgħuh mal-art u komplew ituh. Kaxkruh ftit il-bogħod u weġġħuh ukoll f'saqajh. Minħabba din l-aggressjoni, Melvin Borg sofra wkoll xi brix f'sidru u tbenġil fuq idu. Apparti minn hekk, żewġt irġiel oħrajn ingħaqdu maż-żewġt irġiel li kienu diġa aggredew lil Melvin Borg u komplew fl-aggressjoni kontra Melvin Borg u wkoll heddewh li jekk ma kienx ser itihom l-oġġetti li kellu fuqu, huma kienu saħansitra ser jabbużaw minnu sesswalment.

Wieħed minn dawn l-irġiel beda jżomm lil Melvin Borg minn saqajh, ieħor beda jżomlu għonqu, ieħor beda jżomlu idu u ċ-choker issikkata m'għonqu. Ċartulu l-qmis, qattgħulu żewġ buttuni. L-akkużat, Abdirahman Farah Shuriye li kien wieħed minn dawn l-irġiel li aggredew lil Melvin Borg neżża l-qalziet li kien liebes Melvin Borg, u l-istess akkużat bl-għajnuna ta' sħabu l-malviventi l-oħra, żammewh b'saħħithom kollha u mmobilizzaw lil Melvin Borg filwaqt li l-akkużat ħareġ il-parti tiegħu u kellu konġunġiment karnali kontra n-natura u kontra l-volonta ta' Melvin Borg. Dak il-ħin l-akkużat żamm lill-persuna ta' Melvin Borg biex ma jkunx jista jaħrab u jkun jista jistuprah. Melvin Borg ġie miżmum mill-akkużat kontra l-volonta tiegħu u l-liberta ta' moviment ta' Melvin Borg ġiet impeduta. L-akkużat ma kellux ordni skond il-Liġi ta' l-awtorita kompetenti u ċ-ċirkostanzi ma kienux fost dawk li fihom il-Liġi tagħti setgħa lil privat sabiex jarresta lil xi ħadd.

Illi b'għemilu l-imsemmi Abdirahman Farah Shuriye sar ħati talli, bla ordni skond il-Liġi tal-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-Liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil xi persuna kontra l-volontà tagħha; b'dan li d-delitt sar bħala mezz biex persuna tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaga li toffendi l-mistħija tas-sess ta' dik il-persuna, kif ukoll waqt li l-persuna offiża kienet ġiet offiża fuq il-persuna tagħha, u wkoll bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra jew biex il-persuna l-oħra tkun imġiegħela taċċetta li tagħmel xi trasferiment ta' ħwejjiġha;

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti u ċirkostanżi ta' żmien u lok imsemmija aktar il-fuq f'dan l-att t'akkuża, akkuża lill-imsemmi Abirahman Farah Shuriye, talli għall-ħabta tat-tlieta ta' fil-għodu tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tmienja (2008), fl-inħawi ta' Triq Patri Feliċjan Bilocca l-Marsa, bla ordni skond il-Liġi tal-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-Liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil xi persuna kontra l-volontà tagħha, jew ta post biex fih din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma jew issekwestrata; b'dan li d-delitt sar bħala mezz biex persuna tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaga li toffendi l-mistħija tas-sess ta' dik il-persuna, kif ukoll waqt li l-persuna offiża kienet ġiet offiża fuq il-persuna tagħha, u wkoll bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra jew biex il-persuna l-oħra tkun imġiegħela taċċetta li tagħmel xi trasferiment ta' ħwejjiġha; talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-akkużat Abdirahman Farah Shuriye u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn tlettax-il xahar sa tliet snin, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 86, 87(1)(c)(e)(g), 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Wara li l-Avukat Generali ppremetta fir-Raba` Kap illi fiż-żmien u fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-ewwel kap ta' dan l-att ta' akkuża, u ċioè għall-ħabta tat-tlieta ta' fil-għodu tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tmienja (2008), fil-Marsa, fi Triq Patri Feliċjan Bilocca u fl-inħawi

viċin ta’ din l-istess Triq, l-akkużat Abdirahman Farah Shuriye, flimkien ma’ tliet irġiel oħrajn, immobilizza lil Melvin Borg bil-għan li dan jiġi stuprat mill-akkużat, kif fil-fatt seħħ. Fil-fatt, tliet irġiel (li ma setgħux jiġu identifikati) żammew lil Melvin Borg, wieħed beda jżommu minn saqajh, ieħor beda jżomlu għonqu, ieħor beda jżomlu idu u ċ-choker issikkata m’għonqu. Ċartulu l-qmis u qattgħulu żewġ buttuni mill-qmis. L-akkużat pero neżża’ l-qalziet li kien liebes Melvin Borg, fil-waqt li neża l-qalziet li kien liebes huwa b’mod li ħareġ il-parti privata tiegħu u espona l-istess parti privata tiegħu bil-għan li jkollu konġunġiment karnali ma’ Melvin Borg, kontra n-natura u kontra l-volonta tiegħu, kif fil-fatt sehh, peress li Melvin Borg ġie stuprat mill-akkużat.

Illi b’għemilu l-imsemmi Abdirahman Farah Shuriye sar ħati ta’ attentat vjolent għall-pudur; b’dan li fl-eżekuzzjoni tad-delitt ġie mgħejjun minn persuna waħda jew iżjed, kif ukoll li l-persuna li fuqha ġie kommess id-delitt, ġiet offiża fuq il-persuna tagħha.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f’isem ir-Repubblika ta’ Malta, fl-isfond tal-fatti u ċirkostanżi ta’ żmien u lok imsemmija aktar il-fuq f’dan il-kap ta’ akkuża, akkuża lill-imsemmi Abirahman Farah Shuriye, talli għall-ħabta tat-tlieta ta’ fil-għodu tal-wieħed u għoxrin (21) ta’ Ġunju tas-sena elfejn u tmienja (2008), fl-inħawi ta’ Triq Patri Feliċjan Bilocca l-Marsa, sar ħati ta’ attentat vjolent għall-pudur; b’dan li fl-eżekuzzjoni tad-delitt ġie mgħejjun minn persuna waħda jew iżjed, kif ukoll li l-persuna li fuqha ġie kommess id-delitt, ġiet offiża fuq il-persuna tagħha; talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta’ priġunerija minn ħames xhur sa tmintax il-xahar, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 207, 202(d), 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista’ skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta’ l-imsemmi akkużat.

Wara li l-Avukat Generali ppremetta fil-Hames Kap illi fis-siegħat bikrin ta’ filgħodu tal-wieħed u għoxrin (21) ta’ Ġunju tas-sena elfejn u tmienja (2008), għall-ħabta tat-tlieta ta’ fil-għodu, Melvin Borg, ġuvni ta’ 18 il-sena kien

għadu kif telaq lil ħbieb tiegħu li kienu l-Ħamrun u beda sejjer lura lejn id-dar fejn joqgħod fi Triq Patri Feliċjan Bilocca l-Marsa. Kien qiegħed jipprova jċempel lil ħabiba tiegħu minn fuq il-mobile phone li kif wasal viċin tad-dar tiegħu sab raġel li ħatfu miċ-choker li kien liebes m'għonqu. Dan ir-raġel talab lil Melvin Borg biex jagħtih il-mobile phone, il-flus u c-choker. Melvin Borg ma riedx jagħtih dawn l-oġġetti tiegħu. F'dak il-ħin feġġ raġel ieħor minn wara siġra u ta' daqqa bil-minkeb fuq għonq Melvin Borg. Melvin Borg prova jiddefendi lilu nnifsu. Iżda dawn l-irġiel daruh, tefgħuh mal-art u komplew ituh diversi daqqiet fuq ġismu. Kaxkruh ftit il-bogħod u weġġgħuh ukoll f'saqajh, peress li waqt li kaxkruh laqat ukoll saqajh mal-bankina. F'saqajh Melvin Borg kellu xi bolts tal-metall minħabba operazzjoni li kellu jagħmel xi żmien qabel. Sadattant żewġt irġiel oħrajn ingħaqdu maż-żewġt irġiel li kienu diġa aggredew lil Melvin Borg. Dawn iż-żewġt irġiel li kienu għadhom kif waslu fuq il-post ukoll heddewh li jekk ma kienx ser itihom l-oġġetti li kellu fuqu, huma kienu saħansitra ser jabbużaw minnu sesswalment. Wieħed beda jżommu minn saqajh, ieħor beda jżomlu għonqu, ieħor beda jżomlu idu u ċ-choker issikkata m'għonqu. Ċartulu l-qmis, qattgħulu żewġ buttuni. L-akkużat, Abdirahman Farah Shuriye kien wieħed minn dawn l-irġiel li ħadu sehem f'din l-aggressjoni fuq il-persuna ta' Melvin Borg. L-akkużat ikkommetta diversi offiżi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Melvin Borg, li kienu jinkludu brix f'sidru u tbenġil fuq idu. Kien l-akkużat li apparti li żamm fiżikament lil Melvin Borg, stupra lil Melvin Borg kontra r-rieda tiegħu u kontra n-natura bil-konsegwenza wkoll li volontarjament ikkaġuna lil Melvin Borg ferita ta' natura ħafifa magħrufa bħala "anal fissure".

Illi b'għemilhu l-imsemmi Abdirahman Farah Shuriye sar ħati talli, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddiehor f'periklu ċar, ikkaguna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra, jew ġabilha disordni f'moħħha; b'dan li l-offiżi jitqiesu li huma ħfief peress li ma ġabu ebda waħda mill-konsegwenzi gravi previsti mill-Liġi.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, akkuża lill-imsemmi Abdirahman Farah Shuriye ħati

talli, għall-ħabta tat-tlieta ta' fil-għodu tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tmienja (2008), fl-inħawi ta' Triq Patri Feliċjan Bilocca l-Marsa, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddiehor f'periklu ċar, ikkaguna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra, jew ġabilha disordni f'moħħha; b'dan li l-offiżi jitqiesu li huma ħfief peress li ma ġabu ebda waħda mill-konsegwenzi gravi previsti mill-Liġi; talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-akkużat Abdirahman Farah Shuriye u illi huwa jigi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 214, 215, 221(1), 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

Wara li l-Avukat Generali ppremetta fil-Hames Kap illi fis-siegħat bikrin ta' filgħodu tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tmienja (2008), għall-ħabta tat-tlieta ta' fil-għodu, Melvin Borg, ġuvni ta' 18 il-sena kien għadu kif telaq lil ħbieb tiegħu li kienu l-Ħamrun u beda sejjer lura lejn id-dar fejn joqgħod fi Triq Patri Feliċjan Bilocca l-Marsa. Kien qiegħed jipprova jċempel lil ħabiba tiegħu minn fuq il-mobile phone li kif wasal viċin tad-dar tiegħu sab raġel li ħatfu miċ-choker li kien liebes m'għonqu. Dan ir-raġel talab lil Melvin Borg biex jagħtih il-mobile phone, il-flus u c-choker. Melvin Borg ma riedx jagħtih dawn l-oġġetti tiegħu. F'dak il-ħin feġġ raġel ieħor minn wara siġra u ta' daqqa bil-minkeb fuq għonq Melvin Borg. Melvin Borg prova jiddefendi lilu nnifsu. Iżda dawn l-irġiel daruh, tefgħuh mal-art u komplew ituh diversi daqqiet fuq ġismu. Kaxkruh ftit il-bogħod u weġġgħuh ukoll f'saqajh, peress li waqt li kaxkruh laqat ukoll saqajh mal-bankina. F'saqajh Melvin Borg kellu xi bolts tal-metall minħabba operazzjoni li kellu jagħmel xi żmien qabel. Sadattant żewġt irġiel oħrajn ingħaqdu maż-żewġt irġiel li kienu diġa aggredew lil Melvin Borg. Dawn iż-żewġt irġiel li kienu għadhom kif waslu fuq il-post ukoll heddewh li jekk ma kienx ser itihom l-oġġetti li kellu fuqu, huma kienu saħansitra ser jabbużaw minnu sesswalment. Wieħed beda jżommu minn saqajh, ieħor beda jżomlu għonqu, ieħor beda jżomlu idu u ċ-choker issikkata m'għonqu. Ċartulu l-qmis, qattgħulu żewġ buttuni. L-akkużat,

Abdirahman Farah Shuriye kien wieħed minn dawn l-irġiel li ħadu sehem f'din l-aggressjoni fuq il-persuna ta' Melvin Borg. L-akkużat ikkommetta diversi offiżi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Melvin Borg, li kienu jinkludu brix f'sidru u tbenġil fuq idu. Kien l-akkużat li apparti li żamm fiżikament lil Melvin Borg, stupra lil Melvin Borg kontra r-rieda tiegħu u kontra n-natura bil-konsegwenza wkoll li volontarjament ikkaġuna lil Melvin Borg ferita ta' natura ħafifa magħrufa bħala "anal fissure".

Illi b'għemilhu l-imsemmi Abdirahman Farah Shuriye sar ħati talli, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddiehor f'periklu ċar, ikkaguna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra, jew ġabilha disordni f'moħħha; b'dan li l-offiżi jitqiesu li huma ħfief peress li ma ġabu ebda waħda mill-konsegwenzi gravi previsti mill-Liġi.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, akkuża lill-imsemmi Abdirahman Farah Shuriye ħati talli, għall-ħabta tat-tlieta ta' fil-għodu tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tmienja (2008), fl-inħawi ta' Triq Patri Feliċjan Bilocca l-Marsa, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddiehor f'periklu ċar, ikkaguna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra, jew ġabilha disordni f'moħħha; b'dan li l-offiżi jitqiesu li huma ħfief peress li ma ġabu ebda waħda mill-konsegwenzi gravi previsti mill-Liġi; talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-akkużat Abdirahman Farah Shuriye u illi huwa jigi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 214, 215, 221(1), 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

Wara li l-Avukat Generali ppremetta fis-Sitt Kap illi fiż-żmien u fiċ-ċirkostanzi msemmija fil-kapi preċedenti ta' dan l-att ta' akkuża, u ċioè għall-ħabta tat-tlieta ta' fil-għodu tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tmienja (2008), fil-Marsa, fi Triq Patri Feliċjan Bilocca u fl-inħawi viċin ta' din l-istess Triq Melvin Borg, ġuvni ta' 18 il-sena ġie aggredit minn diversi rġiel. L-akkużat kien fost dawn l-irġiel li kienu qed jaggredixxu lil Melvin Borg. Fil-

fatt l-akkużat uża vjolenza kontra Melvin Borg intiża sabiex Melvin Borg jagħtih l-oġġetti li kellu fuqu. L-akkużat għalhekk uża vjolenza kontra ta' Melvin Borg sabiex Borg jagħmel dak li kien qed jitlob minnu l-akkużat. Melvin Borg m'aċċettax li jagħtihom l-oġġetti li kellu fuqu, fosthom, flus, choker u mobile phone, u l-akkużat, wettaq il-vjolenza mhedda minnu billi saħansitra stupra vjolentement lil Melvin Borg, kontra n-natura u kontra l-volonta tiegħu. Waqt din l-aggressjoni l-akkużat irnexxielu jisraq il-mobile phone mill-persuna ta' Melvin Borg u wara eżiġa lil Melvin Borg li jekk ried li jagħtih il-mobile phone lura, kellu jtih ħamsin Euro (€50), ħaġa li fil-fatt Melvin Borg għamel ftit ħin wara.

Illi b'għemilu l-imsemmi Abdilrahman Farah Shuriye sar ħati talli uża vjolenza biex iġiegħel lil xi ħadd (Melvin Borg) jagħmel, iħalli ssir jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti u ċirkostanżi ta' żmien u lok imsemmija aktar il-fuq f'dan il-kap ta' akkuża, akkuża lill-imsemmi Abirahman Farah Shuriye, talli għall-ħabta tat-tlieta ta' fil-għodu tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tmienja (2008), fl-inħawi ta' Triq Patri Feliċjan Bilocca l-Marsa uża vjolenza biex iġiegħel lil xi ħadd (Melvin Borg) jagħmel, iħalli ssir jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien minn seba' xhur sa' tliet snin skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 251, 250(2), 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Wara li l-Avukat Generali ppremetta fis-Seba` Kap illi fiż-żmien u fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-ewwel kap ta' dan l-att ta' akkuża, u ċioè għall-ħabta tat-tlieta ta' fil-għodu tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tmienja (2008), fil-Marsa, fi Triq Patri Feliċjan Bilocca u fl-inħawi viċin ta' din l-istess Triq Melvin Borg, ġuvni ta' 18 il-sena ġie aggredit minn diversi rġiel. L-akkużat kien fost dawn l-irġiel li kienu qed jaggredixxu lil Melvin Borg. Fil-fatt l-akkużat hedded lil Melvin Borg bil-kondizzjoni li jekk ma

kienx sejjer jagħtih l-oġġetti li kellu fuqu kien sejjer jabbuża minnu sesswalment. Melvin Borg m’aċċettax li jagħtihom l-oġġetti li kellu fuqu, fosthom, flus, choker u mobile phone, u l-akkużat, wettaq it-theddida tiegħu billi saħansitra stupra vjolentement lil Melvin Borg, kontra n-natura u kontra l-volonta tiegħu. Waqt din l-aggressjoni l-akkużat irnexxielu jisraq il-mobile phone mill-persuna ta’ Melvin Borg u wara eżiġa lil Melvin Borg li jekk ried li jagħtih il-mobile phone lura, kellu jtih ħamsin Euro (€50), ħaġa li fil-fatt Melvin Borg għamel ftit ħin wara.

Illi b’għemilu l-imsemmi Abdilrahman Farah Shuriye sar ħati talli għamel lil ħaddiehor inġurji jew theddid.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f’isem ir-Repubblika ta’ Malta, fl-isfond tal-fatti u ċirkostanżi ta’ żmien u lok imsemmija aktar il-fuq f’dan l-att t’akkuża, akkuża lill-imsemmi Abirahman Farah Shuriye, talli għall-ħabta tat-tlieta ta’ fil-għodu tal-wieħed u għoxrin (21) ta’ Ġunju tas-sena elfejn u tmienja (2008), fl-inħawi ta’ Triq Patri Feliċjan Bilocca l-Marsa għamel lil ħaddiehor theddid b’ordni jew kondizzjoni; talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta’ priġunerija għal żmien minn xahar sa’ sitt xhur flimkien ma’ multa skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 249, 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista’ skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta’ l-imsemmi akkużat.

Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tmin Kap illi fiż-żmien u fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-ewwel kap ta’ dan l-att ta’ akkuża, u ċioè għall-ħabta tat-tlieta ta’ fil-għodu tal-wieħed u għoxrin (21) ta’ Ġunju tas-sena elfejn u tmienja (2008), fil-Marsa, fi Triq Patri Feliċjan Bilocca u fl-inħawi viċin ta’ din l-istess Triq, li huma lkoll lokalitajiet pubbliċi, l-akkużat Abdirahman Farah Shuriye, flimkien ma’ tliet irġiel oħrajn, immobilizza lil Melvin Borg bil-għan li dan jiġi stuprat mill-akkużat, kif fil-fatt seħħ. Fil-fatt, tliet irġiel (li ma setgħux jiġu identifikati) żammew lil Melvin Borg, wieħed beda jżommu minn saqajh, ieħor beda jżomlu għonqu, ieħor beda jżomlu idu u ċ-choker issikkata m’għonqu. Waqt li kienu qed iwettqu din l-aggressjoni , l-

akkużat u l-irġiel li kien qed jgħinuh, ċartulu l-qmis u qattgħulu żewġ buttuni mill-qmis. Peress li kaxkruh mal-art għamlulu wkoll ħsara fl-ilbies li kien liebes.

Illi b'għemilu l-imsemmi Abdirahman Farah Shuriye sar ħati talli volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ mobbli ta' ħaddieħor (Melvin Borg), b'dan li l-ammont tal-ħsara ma kienx jiskorri mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47), imma jkun iżjed minn tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29).

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti u ċirkostanżi ta' żmien u lok imsemmija aktar il-fuq f'dan il-kap ta' akkuża, akkuża lill-imsemmi Abirahman Farah Shuriye, talli għall-ħabta tat-tlieta ta' fil-għodu tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tmienja (2008), fl-inħawi ta' Triq Patri Feliċjan Bilocca l-Marsa volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ mobbli ta' ħaddieħor (Melvin Borg), b'dan li l-ammont tal-ħsara ma kienx jiskorri mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47), imma jkun iżjed minn tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29); talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal mhux iżjed minn sitt xhur skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 325(1)(c) u fl-artikoli 17, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta` l-imsemmi akkużat.

Wara li l-Avukat Generali ppremetta fid-Disa` Kap illi fiż-żmien u fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-ewwel kap ta' dan l-att ta' akkuża, u ċioè għall-ħabta tat-tlieta ta' fil-għodu tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tmienja (2008), fil-Marsa, fi Triq Patri Feliċjan Bilocca u fl-inħawi viċin ta' din l-istess Triq, li huma lkoll lokalitajiet pubbliċi, l-akkużat Abdirahman Farah Shuriye, flimkien ma' tliet irġiel oħrajn, immobilizza lil Melvin Borg bil-għan li dan jiġi stuprat mill-akkużat, kif fil-fatt seħħ. Fil-fatt, tliet irġiel (li ma setgħux jiġu identifikati) żammew lil Melvin Borg, wieħed beda jżommu minn saqajh, ieħor beda jżomlu għonqu, ieħor beda jżomlu idu u ċ-choker issikkata

m'għonqu. Ċartulu l-qmis u qattgħulu żewġ buttuni mill-qmis. L-akkużat pero neżża' l-qalziet li kien liebes Melvin Borg, fil-waqt li neża l-qalziet li kien liebes huwa b'mod li ħareġ il-parti privata tiegħu u kellu konġunġiment karnali ma' Melvin Borg, kontra n-natura u kontra l-volonta tiegħu u b'hekk offenda l-pudur jew il-morali, b'egħmil li sar f'post pubbliku jew f'post ieħor espost għall-pubbliku.

Illi b'għemilu l-imsemmi Abdirahman Farah Shuriye sar ħati li offenda l-pudur jew il-morali, b'egħmil li sar f'post pubbliku jew f'post ieħor espost għall-pubbliku.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti u ċirkostanżi ta' żmien u lok imsemmija aktar il-fuq f'dan il-kap ta' akkuża, akkuża lill-imsemmi Abirahman Farah Shuriye, talli għall-ħabta tat-tlieta ta' fil-għodu tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tmienja (2008), fl-inħawi ta' Triq Patri Feliċjan Bilocca l-Marsa li huma lokalitajiet pubbliċi, sar ħati li offenda l-pudur jew il-morali b'egħmil li sar f'post pubbliku jew f'post ieħor espost għall-pubbliku; talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal mhux iżjed minn tliet xhur u multa skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 209 u fl-artikoli 17, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat ir-rikors konguntiv tal-Avukat Generali u tal-akkuzat Abdirahman Farah Shuriye pprezentat fis-27 ta' Marzu, 2012 fejn iddikjaraw li qed jaqblu ai termini tal-arikolu 453A(1) tal-Kodici Kriminali, talbu lil din il-Qorti li fl-eventwalita li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkuzat, il-piena li ghandha tigi inflitta fuqhu ghandha tkun wahda ta' prigunerija ghal-perjodu ta' disa` (9) snin u dan oltre s-sanzjonijiet u konsegwenzi ohra tassattivi ghad-dikjarazzjoni u sejbien ta' htija u dan ai termini tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi waqt is-seduta tal-lum, l-akkuzat, mistoqsi jekk huwiex hati skond l-Att tal-Akkuza, wiegeb billi stqarr li huwa kien hati tar-reati hemm dedotti kontra tieghu;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-twegiba w taghtu ftit taz-zmien biex jerga' lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-akkuzat baqa' jtenni t-twegiba li huwa kien hati.

Ghaldaqstant, tiddikjara lil Abdirahman Farah Shuriye hati talli:

1. fil-21 ta' Gunju, 2008 ghall-habta tat-3.00 a.m., fil-Marsa, kkommetta u għalhekk irrenda ruħu ħati ta' stupru vjolenti aggravat, u ċioè talli kkommetta stupru fuq persuna tas-sess il-wieħed jew l-ieħor; b'dan li fl-eżekuzzjoni tad-delitt ġie mgħejjun minn persuna waħda jew iżjed, kif ukoll li l-persuna li fuqha ġie kommess id-delitt, ġiet offiża fuq il-persuna tagħha, u dana skond l-Ewwel Kap ta' l-Att tal-Akkuza;

2. fil-21 ta' Gunju, 2008 ghall-habta tat-3.00 a.m. fil-Marsa, seraq proprjeta mobbli a detriment ta' Melvin Borg liema serq huwa kwalifikat bil-vjolenza, bil-valur u bil-ħin, u dana skond it-Tieni Kap ta' l-Att tal-Akkuza;

3. fil-21 ta' Gunju, 2008 ghall-habta tat-3.00 a.m. fil-Marsa, bla ordni skond il-Liġi tal-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-Liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil xi persuna kontra l-volontà tagħha, jew ta post biex fih din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma jew issekwestrata; b'dan li d-delitt sar bħala mezz biex persuna tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaga li toffendi l-mistħija tas-sess ta' dik il-persuna, kif ukoll waqt li l-persuna offiża kienet ġiet offiża fuq il-persuna tagħha, u wkoll bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra jew biex il-persuna l-oħra tkun imġiegħela taċċetta li tagħmel xi trasferiment ta' ħwejjiġha, u dana skond it-Tielet Kap ta' l-Att tal-Akkuza;

4. fil-21 ta' Gunju, 2008, ghall-habta tat-3.00 a.m. fil-Marsa, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddiehor f'periklu ċar, ikkaguna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra, jew ġabilha disordni f'moħħa;

b’dan li l-offiżi jitqiesu li huma ħfief peress li ma ġabu ebda waħda mill-konsegwenzi gravi previsti mill-Liġi, u dana skond ir-Raba` Kap ta’ l-Att tal-Akkuza;

5. fil-21 ta’ Gunju, 2008, ghall-habta tat-3.00 a.m. fil-Marsa, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta’ ħaddiehor f’periklu ċar, ikkaguna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta’ persuna oħra, jew ġabilha disordni f’moħħha; b’dan li l-offiżi jitqiesu li huma ħfief peress li ma ġabu ebda waħda mill-konsegwenzi gravi previsti mill-Liġi, u dana skond il-Hames Kap ta’ l-Att tal-Akkuza;

6. fil-21 ta’ Gunju, 2008, ghall-habta tat-3.00 a.m. fil-Marsa, uża vjolenza biex iġiegħel lil xi ħadd (Melvin Borg) jagħmel, iħalli ssir jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, u dana skond is-Sitt Kap ta’ l-Att tal-Akkuza;

7. fil-21 ta’ Gunju, 2008, ghall-habta tat-3.00 a.m. fil-Marsa, għamel lil ħaddiehor theddid b’ordni jew kondizzjoni, u dana skond is-Seba` Kap ta’ l-Att tal-Akkuza;

8. fil-21 ta’ Gunju, 2008, ghall-habta tat-3.00 a.m. fil-Marsa, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ mobbli ta’ ħaddieħor (Melvin Borg), b’dan li l-ammont tal-ħsara ma kienx jiskorri mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47), imma jkun iżjed minn tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29), u dana skond it-Tmin Kap ta’ l-Att tal-Akkuza;

9. fil-21 ta’ Gunju, 2008, ghall-habta tat-3.00 a.m. fil-Marsa, sar ħati li offenda l-pudur jew il-morali b’egħmil li sar f’post pubbliku jew f’post ieħor espost għall-pubbliku, u dana skond id-Disa` Kap ta’ l-Att tal-Akkuza.

Ikkonsidrat;

Qieset l-ammissjoni qabel ma gie iffurmat il-guri, li pero’ ma tistax tissejjah wahda bikrija ghaliex la saret mal-prezentata b’arrest tal-hati, u lanqas saret waqt il-kumpilazzjoni.

Il-gurisprudenza lokali kif ukoll dik ta’ barra minn xtutna fir-rigward tal-piena inflitta meta persuna tghamel ammissjoni bikrija senjatament “**Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Nicholas Azzopardi**” [24.2.1997] (Qorti Kriminali); “**Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Mario Camilleri**” [5.7.2002] (Qorti ta’ l-

Appell Kriminali); “**Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa”** [17.7.2002] (Qorti ta’ l-Appell Kriminali) kif ukoll il **BLACKSTONE’S CRIMINAL PRACTICE** (Blackstone Press Limited 2001 edit) ;

Peress li, wara li hadet kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u senjatament l-eta’ tal-hati, l-kondotta ta’ qabel tal-hati, kif ukoll sentenzi recenti fejn kien hemm ammissjoni ta’ reati simili, hija sodisfatta li l-kombinazzjoni ta’ sanzjonijiet u mizuri mitluba huma tali li jkun legittimu illi hija timponi mas-sejbien ta’ htija ghar-reati li dwarhom il-hati ammetta l-htija tieghu w peress li ma hemmx raguni ohra skond il-ligi biex din il-Qorti tordna li jitkompla li jsir il-guri tal-kaz, jidher li din il-Qorti ghandha tghaddi biex taghti s-sentenza lilha indikata mill-partijiet.

Din il-Qorti thoss li f’ dan il-kaz partikolari ghandha taderixxa ghat-talba konguntiva maghmula skond l-artikolu 453A tal-Kodici Kriminali u ghaldaqstant, wara li rat l-artikoli 86, 87(1)(c)(e)(g), 198, 201(b), 202(d)(f), 207, 209, 214, 215, 221(1), 249, 251, 250(2), 261(a)(c)(f), 262(1)(a)(b)(2), 267, 270, 274(c), 275, 277(a), 279(a), 280(2), 281, 17, 23, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lill-hati**, Abdirahman Farah Shuriye** ghall-piena komplessiva ta’ disa` **(9) snin prigunerija**, kif ukoll tikkundannah ihallas is-somma ta’ elf, seba` mija w disgha w hamsin Ewro u hdax-il centezmu **(€1759.11),** rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji inkorsi f’dan il-process, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali;

Tordna wkoll li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------